



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16613/23

ECOFIN 1354
FIN 1287
UEM 429

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Rapport Speċjali 16/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
"Il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fi ħdan il-Kummissjoni – Bidu inkoraġġanti,
iżda jinħtieġ aktar allinjament mal-aħjar prattika"
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Diċembru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali 16/2023 tal-Qorti tal-Awdituri "Il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fi ħdan il-Kummissjoni – Bidu inkoraġġanti, iżda jinħtieġ aktar allinjament mal-aħjar prattika", approvati fil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) li saret fit-8 ta' Diċembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 16/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

"Il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fi ħdan il-Kummissjoni – Bidu inkoraġġanti, iżda jinħtieġ aktar allinjament mal-aħjar prattika"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' TAJJEB il-pubblikazzjoni tar-Rapport Speċjali 16/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) f'Ġunju 2023: "Il-ġestjoni tad-dejn tan-NextGenerationEU (NGEU) fi ħdan il-Kummissjoni – Bidu inkoraġġanti, iżda jinħtieġ aktar allinjament mal-aħjar prattika" ("Rapport Speċjali tal-QEA")¹, u JIEĦU NOTA tat-tweġiba tal-Kummissjoni mehmuzza mar-Rapport Speċjali tal-QEA.
2. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17, it-18, id-19, l-20 u l-21 ta' Lulju 2020², li skonthom "sabiex l-Unjoni tingħata l-mezzi meħtieġa biex tindirizza l-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni ser tkun awtorizzata li tissellef fondi fisem l-Unjoni fis-swieq tal-kapital", u JENFASIZZA b'mod partikolari li, skont dawk il-Konklużjonijiet, "minħabba li l-NGEU huwa reazzjoni eċċezzjonali għal dawk iċ-ċirkostanzi temporanji iżda estremi, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tissellef huma b'mod ċar limitati fid-daqs, id-durata u l-kamp ta' applikazzjoni".

¹ [Rapport Speċjali 16/2023: Il-ġestjoni tad-dejn tal-NGEU fi ħdan il-Kummissjoni \(europa.eu\)](https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10-2020-INIT/mt/pdf)

² <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10-2020-INIT/mt/pdf>

3. IFAKKAR fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (id-"Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji")³ li tirrikjedi li "l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet mutwatarji. Il-Kummissjoni, b'mod regolari u komprensiv, għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija ta' ġestjoni tad-dejn tagħha".
4. JIRRIKONOXXI l-ħolqien mill-Kummissjoni Ewropea, fi skeda stretta, tal-elementi li jippermettulha timplimenta d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, b'mod partikolari s-sistema ta' ġestjoni tad-dejn NGEU li tiddependi fuq infrastruttura tas-suq primarju, inkluż sistema ta' rkant, network ta' negozjanti primarji, u l-ħruġ ta' bosta bonds u kambjali bħala parti mill-istrument għall-irkupru tal-NGEU, li inkludu bonds ekoloġiċi; IFAKKAR li, għall-fini tal-finanzjament tal-NGEU, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi sa EUR 806.9 biljun (prezzijiet attwali) fis-swieq kapitali sal-2026; dan isir permezz tal-ħruġ ta' bonds tal-UE; JIEĦU NOTA tal-fatt li l-ammont sa EUR 723.8 biljun (prezzijiet attwali) huwa allokat għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi l-Istati Membri jingħataw appoġġ finanzjarju bil-ħsieb tal-investimenti u r-riformi tagħhom f'sitt pilastri tematiċi, inkluż it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, u b'hekk jiġu megħjuna jindirizzaw l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19⁴;

³<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020D2053>

⁴ Ara r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

5. IFAKKAR fin-natura temporanja tal-NGEU minħabba li l-obbligazzjonijiet kollha mġarrba mis-setgħa eċċezzjonali u temporanja tal-Kummissjoni li tissellef fondi jridu jitħallsu lura bis-siġh sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058; IFAKKAR li l-ħlas lura tal-kapital u l-imgħax relatat fir-rigward tal-fondi mislufa biex jintużaw għal appoġġ mhux ripagabbli ser jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni u li l-ħlas lura tas-self u tal-ispejjeż relatati kollha mġarrba mill-Unjoni għandhom jitħallsu mill-pajjiż benefiċjarju;
6. JIEĦU NOTA li, fid-dawl tal-istrategġija ta' finanzjament unifikata, kif stabbilita fir-Regolament 2022/2434 tas-6 ta' Diċembru 2022⁵ u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2022/2544 tad-19 ta' Diċembru 2022⁶, il-ħruġ tal-Kummissjoni għall-NGEU, l-Assistenza Makrofinanzjarja (AMF)+ għall-Ukrajna u programmi ta' teħid u għoti ta' self futuri potenzjali oħra mhux ser jibqgħu speċifiċi għall-programm Ewropew individwali li l-bond ser jiffinanzja.
7. JIRRIMARKA li l-ħruġ inawgurati tal-NGEU tal-Kummissjoni seħħ f'Ġunju 2021, jiġifieri, immedjatement wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji; JENFASIZZA li l-UE bħalissa tikklassifika bħala wieħed mill-akbar emittenti ta' dejn iddenominat feuro u l-akbar emittent ta' bonds ekoloġiċi globalment.

⁵Ir-Regolament (UE, Euratom) 2022/2434 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strategġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ġenerali ta' teħid b'self. Sors: [EUR-Lex - 32022R2434 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

⁶Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2022/2544 tad-19 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn tal-UE skont l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata u operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati. [EUR-Lex - 32022D2544 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

8. JOSSERVA li mill-bidu tal-2022, ir-rendimenti tas-suq żdiedu u l-volatilità tal-prezzijiet żdiedet, xprunata mill-kuntest ġeopolitiku inkluż il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-issikkar tal-politika monetarja f'ekonomiji avvanzati; JINNOTA li l-ambjent mibdul irriżulta f'żieda fil-kostijiet tat-teħid b'self anki għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self tal-NGEU.
9. JINNOTA li r-Rapport Speċjali tal-QEA jivvaluta fost l-oħrajn is-sistema żviluppata mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tad-dejn miġbur għall-finanzjament tal-NGEU, abbażi tat-tfassil u t-tħaddim bikri tas-sistema ta' ġestjoni tad-dejn tal-NGEU minn Ġunju 2021 sa Ġunju 2022; JISSOTTOLINJA li l-QEA kkonsultat mal-uffiċċji nazzjonali tal-ġestjoni tad-dejn tas-27 Stat Membru biex tidentifika b'mod partikolari titjib potenzjali fl-arranġamenti tal-ġestjoni tad-dejn tal-UE.
10. JAQBEL mar-rikonoxximent tal-QEA li:
- Il-Kummissjoni ssellfet il-fondi fil-ħin u f'konformità mal-limiti regolatorji u b'kostijiet li jikkorrispondu għall-pożizzjoni tas-suq tagħha.
 - L-istrutturi u l-kompetenzi l-ġodda ppermettew li l-finanzjament tal-NGEU jibda malajr, iżda jeħtieġu tisħiħ kif stipulat fir-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali tal-QEA.
 - L-oġġettivi tal-ġestjoni tad-dejn tal-Kummissjoni ma kinux stipulati b'mod ċar mill-bidu nett, u dan illimita l-valutazzjoni tal-prestazzjoni.

11. IQIS li r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-QEA huma rilevanti u jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib ulterjuri tal-ġestjoni tad-dejn mill-Kummissjoni; JILQA' TAJJEB l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula mill-QEA, u l-impenn tagħha li timplimenta azzjonijiet korrettivi sa nofs l-2024⁷.
12. JINNOTA b'mod partikolari li l-QEA tirrakkomanda li l-Kummissjoni tifformula objettivi ċari tal-ġestjoni tad-dejn u rapporti dwar il-prestazzjoni fl-implimentazzjoni tagħhom; JOSSERVA li r-Rapport Speċjali tal-QEA ma jistabbilixxi linji gwida dettaljati għad-direzzjoni, l-indikaturi u l-prinċipji ta' strateġija ġenerali għall-ġestjoni tad-dejn li timmira lejn struttura bbilanċjata tal-kostijiet u r-riskji tal-portafoll tad-dejn fil-parametri tar-riskju tad-dejn/responsabbiltà għall-ġestjoni ġenerali tad-dejn; JIEĦU NOTA li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni kellhom l-għan li jiżguraw li l-UE tikseb l-aktar kundizzjonijiet ta' self vantaġġu għall-UE fuq perjodu medju sa twil; IFAKKAR li l-Kummissjoni, fil-ġestjoni tal-portafoll tad-dejn u tas-self tagħha għandha torganizza l-ħruġ ta' bonds tagħha f'konformità ma' qafas ta' ġestjoni tar-riskju li jiżgura li t-tifdijiet fi kwalunkwe sena partikolari jibqgħu fi ħdan il-kapaċità baġitarja tal-UE u jirrispettaw ir-riżorsi baġitarji rilevanti tal-UE stipulati fl-atti leġislattivi li jistabbilixxu l-programmi ffinanzjati mill-ħruġ tad-dejn (id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji fil-każ tal-NGEU).

⁷Sors: Tweġiba tal-Kummissjoni għar-Rapport Speċjali SR/2023/16 tal-QEA.

13. JILQA' TAJJEB l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' strateġija globali għall-ġestjoni tad-dejn⁸ li tiggwida l-implimentazzjoni ta' approċċ ta' finanzjament unifikat ġdid fejn l-istrumenti żviluppati għall-NGEU ser jintużaw bl-istess mod għal programmi oħra ta' self li jiġu stabbiliti wara Diċembru 2022, u b'hekk it-titoli tal-UE jsiru aktar omoġenji u likwidi.
14. IFAKKAR li l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) ilu jiġi infurmat regolarment mill-Kummissjoni sa mill-2021 dwar l-organizzazzjoni tal-ħruġ tal-NGEU, il-ġestjoni tal-maturità u l-ħlas lura tad-dejn tal-NGEU, il-Qafas u l-ħruġ tal-Bonds Ekoloġiċi, il-pjanijiet ta' finanzjament, u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-istrument għall-irkupru tal-NGEU; IFAKKAR li fit-23 ta' Settembru 2021 il-KEF ta mandat lis-Sottokumitat tiegħu dwar is-Swieq tad-Dejn Sovran tal-UE (ESDM) biex ikompli jiddiskuti l-finanzjament tal-NGEU abbażi tar-rapportar tal-Kummissjoni; JENFASIZZA l-benefiċċji għall-Kummissjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-ġharfien espert tal-uffiċċji nazzjonali tal-ġestjoni tad-dejn (DMOs) rappreżentati fl-ESDM; JILQA' TAJJEB il-kontinwazzjoni ta' dawn ir-rapporti u l-iskambji regolari dwar l-aħjar prattiki fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' self tal-UE u l-ippjanar tal-ħruġ lill-ESDM u lill-KEF.

⁸ [Ir-raba' rapport ta' nofs is-sena dwar l-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self tal-UE.PDF \(europa.eu\)](#)

15. JILQA' TAJJEB l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tallinja aħjar l-istruttura organizzattiva tal-uffiċċju tal-ġestjoni tad-dejn tagħha mal-aħjar prattiki internazzjonali, li tistabbilixxi middle office separat, li ssaħħaħ ir-rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji, u li gradwalment tissostitwixxi l-persunal estern u temporanju li jaħdem fuq il-ġestjoni tad-dejn tal-UE b'persunal tal-UE aktar permanenti filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali 2021-2027, filwaqt li tirrikonoxxi l-benefiċċju għall-Kummissjoni li jkollha persunal issekondat minn DMOs oħra li jgħibu l-għarfien espert tagħhom.
16. JISTENNA B'INTERESS l-implimentazzjoni kontinwa tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) tal-Istati Membri taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bħala parti mill-NGEU, inkluż, fejn applikabbli, il-kapitoli REPowerEU ta' dik il-Faċilità, li, meta jindirizzaw il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, jipprovdu wkoll finanzjament għal investimenti u riformi ewlenin biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni billi jiġu diversifikati l-provvisti tal-enerġija u tingħata spinta lill-indipendenza u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni.